MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-18 ta' Ġunju, 2003

Joseph Brincat
vs
Chairman, Bank of Valletta Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall habta ta' Mejju 1988/Gunju 1989/Gunju 1990 huwa kien sofra ingustizzja f'li ma nghatax il-promozzjoni ghall-grad ta' Senior Manager.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:
Illi huwa kien ilu jahdem mal-BOV mill-1974 u kien ilu fl-istess grad ta' Manager mill-1987. Illi huwa kellu r-responsabbilita` tat-tmexxija tal-branch. Illi dan ix-xoghol kien ilu jaghmlu qabel ma kien ha l-promozzjoni fil-1987. Illi huwa kellu esperjenza bankarja kollha mehtiega. Illi huwa kien maghzul biex jattendi course ghall-tlett xhur

barra minn Malta, dwar il-Foreign Business fil-Bank Lloyds ta’ Londra u Birmingham.

Illi huwa f’kull branch li kien, dejjem hadem bl-akbar abilita`, efficjenza u lealta`. Illi minhabba l-fatt li huwa qabel ma kien mar il-Branch ta’ Bormla kien gie minn branch kbira, Republic Street, huwa kellu esperjenza mehtiega biex seta’ l-Branch ta’ Bormla igibha ‘l quddiem. Hawnhekk fost affarijiet ohra li kien hemm mehtiega li jitrangaw, kienet li jhaddem is-sistema ta’ l-advances b’aktar professjonalita`.

Illi huwa wara li kien irranga u gab ‘il quddiem il-branch ta’ Bormla, is-Sur Rene` Formosa, General Manager, kien qal lir-rikorrent biex imur jahdem fil-branch ta’ B’ Kara li kienet akbar, peress li kien hemm il-htiega li tigi rrangata s-sistema ta’ l-Advances kif ukoll minhabba l-fatt li l-Manager li kien hemm kien anzjan. Illi huwa hawnhekk, ghalkemm ma kienx huwa l-Manager in charge, fil-fatt kien hu li kien imexxi din il-branch specjalment rigward l-Advances. Ta’ min jghid li l-advances huma xi haga importanti u delikati hafna ghas-sistema bankarja, peress li jinvolvu t-tislif tal-flus. Hawnhekk kien rega’ gab tahdem tajjeb din is-sezzjoni skond il-proceduri mitlub. Illi wara dawn iz-zewg branches huwa kien hadem f’madwar tlett branches ohra. Illi huwa l-branch li jinsab fiha fil-present li kull ma ilha miftuha biss tlett snin, tant hija immexxija tajjeb minnu, li dawn l-ahhar sentejn rebhet l-annual u l-quarterly performance awards.

Illi huwa hass li saret ingustizzja mieghu ghax kull darba li l-Management tal-BOV, hareg il-promozzjonijiet ghall-Senior Manager huwa ghalkemm dejjem kellu rapporti tajbin mis-superjuri tieghu u dejjem ghamel ix-xoghol ghall l-avvanz tal-bank, dan il-grad qatt ma nghatalu. Illi huwa kien konvint li din il-promozzjoni qatt ma hadha, minhabba t-twemmin politiku tieghu, ghax huwa ghandu l-kwalifiki, l-esperjenza u s-seniority daqs dawk li hadu l-promozzjoni jew aktar.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud

il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-promozzjoni ta' Senior Manager u li jigi kkumpensat kif xieraq, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 jew kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Bank of Valletta Limited li eccepixxa:

Illi fis-7 ta' Ottubru 1997, ir-rikorrent Mario Vella ipprezenta rikors quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji billi ssottometta li hu kien ilu jahdem mal-BOV mill-1974 u ilu fl-istess grad ta' Manager mill-1987. Illi huwa kellu r-responsabbilita` tat-tmexxija ta' Branch u illi huwa kellu l-esperjenza bankarja kollha mehtiega. Illi f'kull Branch li kien dejjem hadem b'abilita` kbira, efficjenza u lejalta`.

Illi r-rikorrent allega illi hass li kienet saret ingustizzja mieghu ghax kull darba illi l-Management tal-BOV, hareg il-promozzjonijiet ghal Senior Manager huwa ghalkemm dejjem kellu rapporti tajbin mis-superjuri tieghu, dan il-grad qatt ma kien inghatalu. Illi huwa kien konvint li din il-promozzjoni qatt ma hadha, minhabba t-twemmin politiku tieghu, ghax huwa kellu l-kwalifiki, l-esperjenza u s-seniority daqs dawk li hadu l-promozzjoni jew aktar.

Illi r-rikorrent ghaldaqstant talab li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-promozzjoni ta' Senior Manager mid-data li kien haqqu jsir bhal ma saru ma' shabu u li jigi kumpensat ghal flus li tilef konsegwenza tal-promozzjoni li kellu jinghata, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000.

Illi ghandu jinghad li l-Bank of Valletta Limited qatt ma ezercita` azzjonijiet vendikattivi fil-konfront ta' l-istess Joseph Brincat in kwantu kif huwa normali hafna go post tax-xoghol ghal Bank of Valletta li haddiem jigi promoss u ohrajn le u dan skond il-ftehim kollettiv huwa prerogattiva tal-Management tal-Bank.

Illi mir-rikors tieghu stess, l-istess Joseph Brincat ma allegax fl-ebda waqt li nghataw promotions lil nies anqas kwalifikati minnu u ghalhekk il-Bank ma jifhimx liema pregudizzju qieghed jallega l-istess Joseph Brincat.

Illi l-Artiklu 6 (1) ta' Att VIII tal-1997 dwar it-twaqqif ta' Tribunal ghas-smiegh ta' ilmenti ta' certi ingustizzji li graw bejn l-1987 u l-1995 jirrizulta dan li gej.

***It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment li jsir minn persuna li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza <u>indebita</u> li tkun saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew ta' xi…***

Illi mill-fatti rrizulta li r-rikorrent la kienet saritlu ingustizzja u l-anqas bl-ebda mod ma kienet saritlu ***xi distinzjoni jew preferenza indebita,*** tul l-impieg tieghu mal-Bank of Valletta Ltd.

Illi ghaldaqstant, l-intimati Bank of Valletta Limited talab lil dan it-Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent bhala manifestament infondati fil-fatti u fil-ligi fl-intier taghhom u jillibera lill-istess intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Ir-rikorrent ipprezenta affidavit u kkonferma l-fatti fir-rikors tieghu. Qal li ilu jahdem mal-Bank of Valletta p.l.c. mill-1974 u ilu fl-istess grad ta' Manager A minn Marzu 1987. Kien lahaq dan il-grad peress li kellu esperjenza vasta fuq xoghol tal-Foreign u fl-Advances u kellu kwalifiki professjonali u snin ta' servizz. Hu kien wiehed minn tal-bidu nett li ha l-karriera bankarja bl-aktar serjeta` u beda jistudja ghad-diploma bankarja maghrufa bhala Associate Charter of the Institute of Bankers Diploma ta' l-Ingilterra. Hu ghadda mis-suggetti kollha ta' l-ewwel parti u minn hafna suggetti tat-tieni parti. Fl-1982 kien gie mibghut ghal International Banking Course, kors ta' tliet xhur ma' Lloyds Bank p.l.c. f' Londra u Birmingham u kien ukoll attenda ghal diversi korsijiet organizzati minn istituzzjonijiet lokali. Hu qal li l-Bank mill-1987 ghamel hafna ezercizzji ta' promotions ghall-grad ta' Senior Manager izda hu qatt ma nghata din il-promotion. Sostna li hafna mill-kollegi tieghu, fosthom John Bisazza, Maurice Abela, Joseph Muscat, George Cardona Schranz, Alfred Pace, Alfred Zammit McKeon, u Raphael Vassallo f'Marzu 1987 kellhom seniority fil-grad izda mhux fiz-zmien u kwalifiki akkademici inqas minn tieghu u qabzuh diversi drabi biex issa ghandhom grad oghla minn tieghu. Semma li Mario Corrieri, Joseph Bugeja, Austin Grech, Mario Pullicino, Norman Rossignaud u Rudolph Xuereb fl-1987 kellhom l-istess seniority bhal tieghu fiz-zmien jigifieri dahlu l-bank qablu izda fil-grad kienu daqsu, u minghajr ebda gustifikazzjoni ta' xejn, dawn qabzuh.

Hu sostna li kienet saret ingustizzja mieghu ghax qabzuh dawk kollha li kellhom inqas kwalifiki minn tieghu. Qal li l-performance u kompetenza tieghu bhala manager kienet tajba u qatt ma kien hemm xi rapport negattiv fir-rigward tieghu. Qal li dejjem wera interess fix-xoghol u dejjem kien attent biex jaghmel suggerimenti biex il-Bank itejjeb is-sistemi tieghu u bhala rikonoxximent kien gie ppremjat 3 Staff Suggestion Rewards.

Semma li fl-1994 kien gie inkarigat bhala l-ufficjali ewlieni halli l-fergha ta' Palace Square titbiddel minn fergha li

toffri s-servizzi kollha ghal wahda li taghmel servizzi limitati u hu qal li din ma kenitx facli. Bhala rikonoxximent ta’ dak il-Management tal-Bank fdah biex niehu hsieb l-operat tal-ftuh ta’ fergha gdid f’Marsascala fejn ghamel tliet snin imexxi dik il-fergha gdida ta’ M’Scala mill-1994 sa l-1997. Fi tlettax-il sena kien tela’ mill-grad ta’ Clerk ghal Manager 3.

Xehed <u>Anton Chritien</u> Assistant General Manager fil-Bank of Valletta u li huwa kunsidrat bhala Executive Grade u ilu f’dan il-grad ghal madwar 11-il sena. Semma li jaf lir-rikorrent peress li fl-1990 kien mar jahdem bhala Assistent tieghu fil-fergha fejn il-Palazz il-Belt ghal madwar sentejn u nofs. Semma li jaf lir-rikorrent anki fl-1985 u 1986 meta r-rikorrent kien head ta’ l-Advances u hu kien Manager tal-Advances fil-branch ta’ Republic Street il-Belt fejn damu madwar sena jahdmu flimkien u fuq ix-xoghol lir-rikorrent jafu b’relazzjoni diretta.

Rigward l-appraisal report ta’ Settembru 1991 tar-rikorrent, ix-xhud semma li kien ghamlu hu fil-branch ta’ Palace Square u l-marka li kien ta lir-rikorrent kienet very good u kien hemm kummenti pozittivi fir-rigward tar-rikorrent fosthom li huwa adatta mal-ewwel fix-xoghol tieghu kif ukoll li huwa diligenti fix-xoghol u li huwa leali hafna lejn il-Bank kif ukoll jiehu x-xoghol bis-serjeta` u li kien gie rrakomandat minnu li jiehu l-annual increments.

Il-fatt li r-rikorrent gie trasferit ghall-fergha ta’ Palace Square il-Belt juri li hu kellu certu kapacitajiet peress li din kienet kunsidrata wahda mill-aktar ‘il fuq mill-gerarkija tal-bank. Ftakar li kien sar promotion exercise fl-1991 u qal li ma dehrlux li r-rikorrent ibbenefika minnu. Kompla jghid li l-gerarkija tal-bank hija on a pyramid basis jigifieri aktar ma titla’ ‘l fuq fil-grad inqas issib nies.

Xehed <u>Carmel Axiaq</u> Assistant Head tal-Internal Audit li semma li ilu jaf lir-rikorrent kemm ilu li dahal mal-Bank l-aktar fil-branch tar-Rahal Gdid meta hemmhekk kien assistent tieghu. Qal li r-rikorrent fuq xoghlu kien eccellenti u kien wiehed mill-ahjar kollegi li hadem mieghu. Ir-rikorrent kien hadem mieghu bejn wiehed u

iehor bejn l-1989 u l-1991. Hu kien ghamel appraisal report wiehed zgur tar-rikorrent u ghal zewg kwalitajiet kien tah "A", u qal li normalment il-grad "A" rari jaghtih. Fir-rapport fost kummenti favorevoli kiteb li kellu fiducja kbira fir-rikorrent, li kien kapaci jimmanigja n-nies u li kellu relazzjonijiet tajba mal-kollegi u mal-klijenti. Qatt ma kellu l-opportunita` li jirrikmanda lir-rikorrent ghal xi promozzjoni. Imbaghad ir-rikorrent kien gie trasferit Palace Square u aktar tard kien Manager fil-fergha ta' Wied il-Ghajn. Kien ukoll il-Head Office fis-sezzjoni tas-self u x-xhud baqa' jisma' kummenti favorevoli dwaru. Zied ighid li lil Maurice Abela u George Cardona Schranz jafhom. Ma' Maurice Abela qatt ma hadem izda George Cardona Schranz kien l-assistent tieghu fil-branch tar-Rahal Gdid qabel ma mar bhala assistent tieghu r-rikorrent. Qal li x-xoghol ta' George Cardona Schranz kien sodisfacenti u tar-rikorrent eccellenti. Ftakar li r-rikorrent applika ghal xi promozzjonijiet. Qal li dwar promozzjonijiet jittiehdu in konsiderazzjoni s-seniority, l-esperjenza mal-bank, il-mertu u l-prestazzjoni.

Xehed <u>Ray Lanzon</u> Head Human Resources tal-Bank of Valletta li esebixxa skeda li turi s-seniority date u l-kwalifiki ta' diversi impjegati. Minn dan id-dokument jirrizulta li Maurice Abela, Joseph Muscat, Alfred Zammit McKeon dahlu mal-bank fl-1970 waqt li Victor Grech fl-1962, Mario Corrieri fl-1959, Joseph Bugeja fl-1969 u Austin Grech fl-1966 meta r-rikorrent dahal fl-1974 u ghalhekk kollha kellhom seniority aktar mir-rikorrent.

Xehed <u>Rene` Formosa</u> li rtira minn mal-Bank fil-kariga ta' General Manager. Kien ukoll responsabbli mill-Human Resources. Hu lahaq General Manager Administration f'Settembru 1987 u dam f'dik il-kariga sa l-1996. Qal li hu kien involut fil-promotion exercise ta' Mejju 1990. Zied ighid li fl-1987 kienu saru xi promozzjonijiet biex jirratifikaw xi ingustizzji li saru qabel l-1987. Ireferixxa ghal Dok RF2 a fol 46 tal-process u qal li din kienet board paper mahruga mic-Chairman. Din hija procedura normali u ghadu jsir hekk sal-lum li meta jsiru l-promozzjonijiet tinhareg board paper u tigi diskussa.

Qabel l-1987 is-sistema tal-promozzjonijiet kienet li jittiehdu in konsiderazzjoni l-files ta' l-impjegati. Wara l-1987 imbaghad dahlet sistema aktar trasparenti li kien ikun fiha numru ta' kriterji li jridu jigu sodisfatti, tohrog call for applications, l-applikanti japplikaw ghaliha u jidhru quddiem il-bord imbaghad jinghataw il-promozzjonijiet skond il-punteggi li jkunu nghataw ghad-diversi kriterji. Il-bord jaghmel ir-rakomandazzjonijiet tieghu lill-Executive Committee jew lill-Board of Directors u dawn jaraw jekk japprovawx ir-rakkomandazzjonijiet.

Dwar in-nies imsemmijin f'Dok RF1 fol 45 tal-process qal li hu jafhom kollha, kienu tajbin hafna fuq xogholhom u kollha kien jimmerithom iktar mir-rikorrent li jiehdu l-promozzjoni. B' dan ma riedx ifisser li r-rikorrent ma kienx jisthoqqlu izda fi promozzjoni jkun hemm numru limitat ta' nies li jridu jilhqu. Zied li huma kienu jaraw il-file ta' kull min seta' jiehu l-promozzjoni li tkun se tohrog u minnu kienu jigbru hafna informazzjoni. Rigward l-interview qal li dan kien jiddependi minn x'impressjoni jaghti l-kandidat lill-bord dak il-hin. Rigward merit u experience dawn johorgu mill-file ukoll. Qal li kien ikun vantagg li tkun taf min hu l-applikant jew tkun hdimt mieghu.

Is-sistema l-gdida tal-promozzjonijiet mal-Bank bdiet fl-1992 u sa fejn jaf hu kienet ghadha hekk sakemm xehed. Iz-zewg sistemi kienu bazikament l-istess izda qabel l-individwu ma kienx jidher quddiem il-bord. Meta xi hadd ikun fil-fast track mal-Bank ifisser li jkun ha rapid promotions. Qal li qabel l-1987 ir-rikorrent prattikament kien lahaq malajr. Wara l-1987 pero` ma baqax fil-fast track peress li ma hax promotion ohra. Bejn l-1987 u l-1990 kienu saru hafna promozzjonijiet fil-grad tar-rikorrent, izda bejn l-1990 u l-1997 ma kienux saru aktar promozzjonijiet fil-grad tieghu.
Bhala Manager in charge mill-Administration f'Settembru 1987 il-promotion exercises kienu jaqghu taht ir-responsabbilita` tieghu inkluz dawk ta' Mejju 1988 u Gunju 1989. Qal li hu ma kienx involut fil-bord ta' l-ghazla f'dawn iz-zewg promozzjonijiet. Dak iz-zmien hu kien parti mill-Executive Committee u qal li qabel ma' dawn il-promozzjonijiet. Qabel li Victor u Austin Grech gew

promossi fl-1988. Dawn it-tnejn kienu senior tar-rikorrent fis-sens illi dahlu l-Bank qablu. Fis-seduta tal-Executive Committee kienu saru promozzjonijiet minn Assistant Manager ghal Manager 1 u minn Assistant Manager ghal Manager 2.

Mid-dokument RF1 jirrizulta li Maurice Abela, Joseph Muscat, Paul Spiteri, Raphael Vassallo u Alfred Zammit McKeon kollha dahlu l-bank qabel ir-rikorrent, xi sentejn jew erbgha snin u saru Assistant Managers mieghu fl-ewwel ta' Ottubru 1981 hlief ghal Zammit McKeon li lahaq fl-1983. Minn hemm ir-rikorrent qabez il-grad ta' Manager I u lahaq Manager II fl-1 ta' Dicembru 1985 u Managar III fl-1 ta' Marzu 1987 waqt li l-ohrajn lahqu Manager I fl-1986/1987, Manager fl-1987, Manager III fl-1988 u Senior Manager fl-1990.

Joseph V. Gattipprezenta affidavit u fih semma li jokkupa l-kariga ta' General Manager (Strategy) fil-Bank of Valleta p.l.c. u parti mir-responsabbilitajiet li jaqghu tahtu huma r-Rizorsi Umani tal-Bank kollu. Spjega li ezercizzju ta' promozzjonijiet ghall-grad partikolari jigi stigat principalment ghaliex u meta tinhass il-htiega li jimtlew postijiet vakanti f'dak il-grad. Dawn il-postijiet vakanti gew kkrejati normalment minhabba jew ghaliex ikunu rtiraw jew irrizenja xi ufficjali f'xi grad jew gradi u allura jkunu jridu jimtlew il-postijiet vakanti li jkun hallew jew minhabb al-espansjoni tal-operazzjonijiet tal-Bank. Qal li minn Mejju 1987 lil hawn il-Bank zied madwar 500 impjegat fil-gradi white collar. Meta jkunu se jimtlew numru ta' vakanzi jitwaqqaf promotions board. Dan il-Bord ikollu l-inkarigu li jwettaq l-ezercizzju mill-bidu sat-tmiem u wara li jkun lestieh iressaq ir-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kumitat Ezekuttiv tal-Bank sabiex dan il-Kumitat japprova n-numru ta' promozzjonijiet mehtiega skond il-gradwatorja (order of merit) pprezentata lilu mill-Promotions Board. Il-Promotions Boards generalment ikunu komposti minn ufficjali gholja tal-bank, li jistghu jinkludu c-Chairman, General Managers, Assistant General Managers u jew Senior Managers. Normalment aktar ma' l-ezercizzju jkun ghall-promozzjonijiet ghall-gradi gholja aktar il-Promotions Board ikun kompost minn ufficjali gholja. Zied ighid li ma

tesizti l-ebda regola miktuba dwar kif ghandhom ikunu komposti il-Promotions Boards. Il-Bank, imma, generalment dejjem mexa fuq dan il-principju.

Kull Promotions Board huwa marbut illi jevalwa u jassesa l-kandidati li jkunu eligibbli ghal dak l-esercizzju partikolari skond il-kriterji stabbiliti fil-Ftehim Kollettiv. Il-klawsola fil-Ftehim Kollettiv tghid: ***"When effecting promotions, the Bank shall be guided by aptitude, experience, merit, qualifications and seniority, not necessarily in that order"*** u dan ghal ragunijiet ovvji ghax per ezempju Experience u Merit f'kaz ta' ezercizzju ta' promozzjonijiet ghal gradi ghojin bhal dawk ta' Senior Manager u aktar 'l fuq, il-wieghting li tinghata ghalihom tkun aktar minn dik moghtija ghall-Qualifications. Minn naha l-ohra l-kriterju tal-qualifications jinghata wieghting aktar gholi f' ezercizzju ta' promozzjonijiet ghal gradi t'isfel e.g. Signatory B u Signatory A.

F'kull ezercizzju allura, wara li l-membri tal-promotions Board jilhqu ftehim bejniethom dwar kif ghandhom ikunu l-weightings ghal kull wiehed mill-hames kriterji msemmija fil-Ftehim Kollettiv, kull membru tal-board separatament jifli l-personal Files ta' kull kandidat u jaghti l-marka tieghu ghal kull wahda mill-kriterji. Il-marki ghall-Merit, Aptitude u Experience iridu johorgu mill-Personal File, fejn wiehed jara l-Annual Performance Appraisals, kif ukoll minn informazzjoni ohra li l-Promotions Board jisa jkollu fuq il-kandidat. Dawk ghall-qualifications u Seniority ikunu diga gew miftiehma u maqbula qabel mill-membri tal-Promotions Board, ghaliex fuq dawn naturalment m'hemm l-ebda suggettivita`.

Ghalkemm m'huwiex marbut il-Bank jista jiddeciedi li f'xi ezercizzji partikolari ta' promozzjonijiet jaghmel ukoll Interview. Generalment dawn ikunu f'kazi ta' promozzjonijiet ghall-gradi t'isfel. L-Interview iservi sabiex jghin aktar lill-membri tal-promotions board li jsiru jafu aktar lill-kandidati mill-vicin, mentri fil-kaz ta' promozzjonijiet ghall-gradi ghojin dan ma jkunx hemm bzonnu ghaliex peress li l-kandidati jkollhom hafna snin servizz, normalment l-membri tal-Board ikunu jafuhom

bizzejjed u ma jkunx hemm bzonn ukoll tal-Interview. Ghalhekk meta ssir l-Interview, tigi allokata wkoll marka ghaliha, bhala parti mill-100 marka massimu li kull kandidat jista jinghata minn kull membru tal-Bord.

Wara li kull membru tal-Promotions Board ikun fela u assessja l-Personal Files ta' Kull kandidat u jkun ta l-punteggi tieghu (kif ukoll l-marka ghall-Interview meta din issir), jigu aggregati l-punteggi li kull membru tal-board ikun ta' lill-kull kandidat u tinhareg l-Order of Merit li minnha jinghataw il-promozzjoni dawk il-kandidati li jidhru fil-lista (Skond l-order of Merit) skond in-numru li jigi deciz finalment mill-Kumitat Ezekuttiv tal-Bank.

In-numru ta' dawk li jigu promossi f'kull ezercizzju jkun dejjem relattivament zghir meta mqabbel man-numru totali ta' kandidati li kienu eligibbli ghaliex in-numru tal-impjegati tal-Bank huwa konsiderevolment qawwi u ghalhekk anke f'kull grad wiehed isib numru konsiderevoli ta' impjegati. Fil-Bank tesizti gerarkija ta' gradi li tiehu l-forma ta' piramida jigifieri aktar ma titla 'l fuq aktar ikunu ftit il-postijiet vakanti.  Is-sistema prezenti ta' kif jinghataw il-promozzjonijiet fil-Bank ma kienetx hekk minn dejjem imma evolviet matul is-snin u dan proprju sabiex issir dejjem aktar trasparenti.  Fil-fatt kien f'Marzu tal-1992 li ghall-ewwel darba l-bank kien beda jadotta sistema gdida li johrog sejha ghall-applikazzjonijiet meta jkun ser isir ezercizzju ta' promozzjonijiet u imbaghad wara jsiru l-Interviews.
Rigward il-promozzjonijiet ta' l-20 ta' Lulju 1987 (Personnel Circulars Nos. 38/87 & 39/87), il-Bord tad-Diretturi meta approva dawn il-promozzjonijiet kien iddikjara: ***'The purpose of the promotions was to rectify the grave injustices suffered in the past by the individuals in question, insofar as promotions were concerned.'***

Minn xi sitt snin 'l hawn, il-Bank beda wkoll jadotta sistema ta' Counselling interviews, jigifieri kull impjegat li ma jkunx gie moghti promozzjoni jekk irid jista jitlob li jiltaqa ma ufficjal gholja tal-Bank sabiex jiddiskuti kif ikun mar f'dak l-ezercizzju.  Dawn il-Counselling Interviews

intlaqghu tajjeb hafna ghaliex l-impjegat ikun jista jaghraf f'liema kriterju jewkriterji huwa jkun mar l-aktar hazin u allura jkollu l-opportunita` sabiex jahdem sabiex ittejjeb il-performance tieghu u b'hekk ittejjeb konsiderevolment ic-cansijiet tieghu thal esercizzju ta' promozzjoni sussegwenti. Fuq talba tal-Unions il-Bank qieghed ukoll jinghata t-total ta' marki lil jkun gab l-anqas wiehed minn dawk li jkunu gew promossi u b'hekk l-impjegat ikun ukoll jista jaghmel il-benchmarking u jara kemm kien il-boghod milli jiehu l-promozzjoni. Spicca biex jghid li l-Bank dejjem mexa mal-Ftehim Kollettiv.

In kontro ezami qal li kien involut f'diversi boards ta' promozzjonijiet. Mill-1987 kien involut f' bosta promotion exercises li kien hemm, anke manigerjali. Originarjament fil-promotion exercises ir-rwol tieghu kien ta' Assistent Personali tac-Chairman. Eventwalment sar General Manager Human Resources. F'dawn iz-zewg rwoli normalment dejjem kien jifforma parti mis-selection board fil-Promotion Exercises. Fil-Promotion Exercises ta' l-1987, 1988 u 1989 hu kien membru tal-bord u kien ha sehem f'kollox apparti l-grad li applika ghalih ir-rikorrent peress li hu kien jokkupa l-istess grad. Beda jahdem fuq il-bord tad-Diretturi wara li sar General Manager. Kien sar Segretarju tal-Executive Committee u dam f'dik il-kariga bejn wiehed u iehor bejn l-1987 u l-1995. Hu ma kienx parti mill-bord tad-Diretturi. Normalment il-bord jaccetta r-rakkomandazzjoni tal-Promotions. L-executive qatt ma ndahal fl-order of merit izda japprovha u qatt ma jibdilha. Qabel l-1992 is-sistema kienet li jiltaqa l-bord ta' l-ghazla u jara l-files tal-kandidati koncernati u jiddiskuti rating bhala average. Wara jkun hemm short list u terga' ssir diskussjoni mill-membri tal-bord. L-Executive Committee ma kienx jindahal izda jiehu r-rakkomandazzjonijiet u jaddottahom. Qabel l-1992 kienu jikkonsidraw principalment il-personal file u l-aktar li kienu jaghtu kaz kien l-appraisal report.

Lir-rikorrent qal li jafu bhala habib u jafu bhala bniedem kompetenti. Min-naha tal-bord aktar ma tkun se titla fil-grad aktar ghandhom jigu kunsidrati importanti merit u experience u mhux kwalifiki jew seniority. Fisser l-

espressjoni fast track fil-bank bhala li f'certu perjodu ta' zmien ikun hemm impjegat li jkun ha promozzjonijiet forsi aktar rapidi u aktar malajr. Fis-snin '80 jidher li r-rikorrent kien fuq il-fast track. Fuq ir-rikorrent ix-xhud u l-membri l-ohra tal-bord iddecidew li kien kompetenti izda ma kellux ikun ma' dak in-numru ristrett li kienu ser jigu promossi.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent qieghed jilmenta li ma nghatax il-promozzjoni ghal Senior Manager meta hu jikkontendi li kellu l-esperjenza u l-kwalifiki necessarji u li gie maqbuz.

Issa dan it-Tribunal dejjem ta importanza kbira lis-seniority sakemm ma jkunx hemm ragunijiet validissimi biex din tigi modifikata. Fil-kawza flk-ismijiet Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Issa r-rikorrent gie mfahhar minn diversi persuni inkluz superjuri tieghu dwar l-operat tieghu fil-bank. Irrizulta li r-rikorrent kien bniedem kapaci, dedikat u li diversi drabi gie moghti fiducja mill-bank. Dan ghalhekk iwassal ghall-fatt li taht cirkostanzi normali r-rikorrent m' ghandux jigi maqbuz. Izda irrizulta mill-iskeda esebita mis-Sur Lanzon Dokument "RL1" a fol 37 u 38 u mill-iskeda l-ohra Dokument "RF1" a fol 45 esebita minn Rene` Formosa li propju n-nies li indika r-rikorrent li qabzuh fil-fatt ma kienux qabzuh jekk wiehed jitlaq mid-date of entry ghax ir-

rikorrent dahal fl-1974 waqt li l-persuni msemmija dahlu precedentement. Li kien gara hija li r-rikorrent ha serje ta' promozzjonijiet u dahal fil-fast track specjalment il-habta ta' bejn l-1981 sal-1987 fejn fl-1981 sar Assistant Manager u fl-1985 qabez ir-rank ta' Manager I u addirittura sar dritt Manager II fl-1985, u sittax-il xahar wara lahaq Manager III u cioe` li meta kien ghadu f' Novembru 1985 jokkupa l-grad ta' Assistant Manager, f' Marzu 1987 kien gja sar Manager III u b' hekk qabez kwantita` kbira ta' nies. Issa r-rikorrent qed jilmenta li hu inqabez minn nies li lahqu Manager III warajh pero` komodament qieghed jinsa li precedentement kien hu stess li qabez nies ohra meta f' dak iz-zmien kellu seniority anqas minnhom. Dak li ghamel il-bank fl-1990 kien dak li fil-fehma tad-dirigenti tieghu jirregolarizza l-pozizzjoni fejn precedentement dawk il-persuni li nqabzu saret gustizzja maghhom. It-Tribunal ma jsib xejn hazin fl-operat tal-bank u ma jsibx li b' hekk saret xi ingustizzja. Ir-rikorrent ma gabx prova li hu kien ferm aktar kwalifikat mill-persuni l-ohra ghax taht dan l-aspett biss seta' jkun gustifikat li javvanza hu u mhux l-ohrajn meta fil-fatt skond is-seniority fl-aspett golbali taghha r-rikorrent ma kellux raguni valida li jsostni li kien qieghed jigi maqbuz.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat Chairman Bank of Valletta Limited.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------